MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 904/2004

British Bakels Limited, socjeta` registrata fl-Ingilterra bin-numru ta' registrazzjoni 00430208 rappresentanta lokalment mill-mandatarju specjali taghha Dotoor Matthew Bianchi
vs
Bakels Malta Limited

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**
Rat ic-citazzjoni tal-attur li biha ppremetta:

Illi s-socjeta` konvenuta kienet debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u tmenin lira Sterlina (GBP 123,688.0) liema ammont kien jirrapprezenta prezz ta' diversi prodotti u ingredjenti ta' ikel mibjugha u debitament konsenjati lill-istess socjeta` konvenuta, kif kien jirrizulta mill-prospett anness mac-citazzjoni u mmarkat Dok. A;

Illi s-socjeta` konvenuta interpellata diversi drabi biex thallas dan l-ammont, inkluz b'ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 2004 u debitament notifikata fit-22 ta' Settembru 2004, kienet baqghet inadempjenti.  Kopja legali ta' din l-ittra ufficjali giet annessa mac-citazzjoni u mmarkata Dok. B;

Illi fil-fehma tas-socjeta` attrici ghalhekk il-pretensjoni taghha ghall-hlas tas-somma indikata kienet certa, likwida u dovuta u s-socjeta` konvenuta ma kellhiex taghti eccezzjonijiet x'taghti ghal din it-talba;

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. Tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma li fid-data tas-sentenza tkun ekwivalenti ghal mija u tlieta u ghoxrin elf sitt mija u tmienja u tmenin lira Sterlina (GBP 123,688.0) dovuta ghar-ragunijiet hawn fuq premessi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Settembru 2004 kontra s-socjeta` konvenuta oltre imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li biha eccepiet:

L-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici billi l-ammont talvolta dovut kien ghad irid jigi finalment determinat wara li jigu finalizzati l-kontijiet permezz ta' l-awdituri tal-kumpanija, u f'kull kaz l-ammont eventwalment dovut kien intiz li jithallas wara li s-socjeta` konvenuta tigbor l-istess minghand id-debituri taghha.

Illi ghalhekk l-ammont mitlub ma kienx dovut jew ma kienx dovut kollu jew kien ghadu mhux dovut fid-data in kwistjoni.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mis-socjeta` konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat il-verbal tat-18 ta' Jannar, 2005 li bih il-Qorti awtorizzat lis-socjeta` konvenuta tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Dr. Matthew Bianchi in rapprezentanza tas-socjeta` attrici.

Gie prezentat affidavit ta' Armin Ulrich, CEO u Chairman tal-Bord li fih issemma li Kenward Cole in rapprezentanza ta' Bakels Malta Ltd. qal li kien hemm ftehim bejn EMU AG u Bakels Malta Ltd li l-pagamenti kellhom isiru biss lil British Bakels Ltd li hija sussidjarja ta' EMU AG. Hu cahad li kien hemm il-ftehim li d-debitu ma kienx dovut sakemm ix-xerrejja jkunu hallsu ghall-oggetti. Ipprezenta kopja tal-ftehim tal-azzjonisti u fih hemm termini prefissi li jallokaw 180 jum bhala perjodu massimu fl-ewwel sentejn, u wara dan jaqa' ghal 90 jum.

Gie prezentat affidavit ta' Paul Lawson Thomas Morrow, ***Managing Director*** ma' British Bakels Limited li fih issemma li British Bakels Ltd ghandha tiehu GBP123,688 minghand Bakels Malta Ltd u dan ghal oggetti konsenjati u din is-somma kienet intalbet permezz ta' ittra gudizzjarja. Kenward Cole in rapprezentanza ta' Bakels Malta Ltd. qal li kien hemm ftehim bejn EMU AG u Bakels Malta Ltd li l-pagamenti kellhom isiru biss lil British Bakels

Ltd li hija sussidjarja ta’ EMU AG. Hu cahad li kien hemm il-ftehim li d-debitu ma kienx dovut sakemm ix-xerrejja jkunu hallsu ghall-oggetti. Ipprezenta kopja tal-ftehim tal-azzjonisti u fih hemm termini prefissi li jallokaw 180 jum bhala perjodu massimu fl-ewwel sentejn, u wara dan jaqa’ ghal 90 jum.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ Kenward Cole in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi din il-kawza giet intavolata mill-kumpanija attrici stante li ssuplixxiet lill-kumpanija konvenuta go Malta bi prodotti u ingredjenti ta’ l-ikel li gew mibjugha u debitament konsenjati. Ghalhekk, il-kumpanija attrici sostniet li ghandha tithallas is-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u tmenin Lira Sterlina (GBP 123,688.00), il-prezz dovut rigward il-konsenja ta’ dawn il-prodotti ta’ l-ikel. Illi fin-nota ta’ l-eccezzjonijiet, is-socjeta` konvenuta eccepiet li l-ammont dovut ghad irid jigi finalment determinat wara li jigu finalizzati l-kontijiet, u li l-ammont dovut kien intiz li jithallas wara li l-konvenuti jigbru l-flus minghand id-debituri. Gie eccepit, li l-ammont dovut mhuwiex dovut kollu jew ghad mhuwiex dovut fid-data in kwistjoni.

Irrizulta li kien hemm ftehim bejn is-socjeta` attrici u s-socjeta` konvenuta li jigu forniti prodotti ta’ l-ikel lis-socjeta` konvenuta. Jirrizulta wkoll, li Bakels Malta Ltd. kellha taghti lill-kumpanija estera British Bakels Ltd., is-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u tmenin Lira sterlina (GBP 123, 688.00), liema ammont huwa ekwivalenti ghal erbgha u disghin elf, mitejn u sitta u hamsin Lira Maltin (LM94, 256), hekk kif hemm imnizzel fil-Memorandum li gie ffirmat mir-rapprezentanti taz-zewg kumpaniji ( a fol 15 u 16).

Hemm stipulat ukoll, fl-istess dokument li dawn l-ammonti ilhom ghal iktar minn mija u tmenin (180) gurnata, li huwa l-perjodu miftiehem sabiex isir il-pagament. It-terminu ta’ zmien miftiehem bejn iz-zewg partijiet, meta ghandhom isiru l-pagamenti, jidher ukoll fis-***shareholders***

***agreement*** (a fol 34).  Fil-fatt, hemm imnizzel li fl-ewwel sentejn, hemm zmien ta' mija u tmenin (180) gurnata sabiex isiru l-pagamenti.  U wara l-ewwel sentejn, it-terminu jkun ta' disghin (90) gurnata.  Hekk xehdu wkoll fl-affidavit taghhom, Armin Ulrich u Paul Lawson Thomas Morrow ghall-kumpanija British Bakels Ltd.

Irrizulta, li kien hemm skambju ta' korrispondenza permezz ta' ***e-mails*** bejn iz-zewg kumpaniji, fejn il-kumpanija British Bakels Ltd. irrifjutat il-proposta mis-socjeta` konvenuta  biex jestendu t-terminu stabbilit ta' mija u tmenin (180) gurnata (a fol 47 u 52).  Dan ifisser li qatt ma kien hemm accettazzjoni bil-miktub mis-socjeta' attrici li tiffavorixxi estensjoni ghat-terminu tal-pagament li kien gie stabbilit fil-Joint Venture Agreement (a fol 29 sa 39).

Sussegwentement, is-socjeta` konvenuta naqset milli tipproduci l-provi necessarji f'din il-kawza.  Fil-25 ta' Mejju, 2005 is-socjeta` konvenuta giet awtorizzata tipprezenta affidavits sas-17 ta' Ottubru, 2005, izda dawn qatt ma gew prezentati.

Illi s-socjeta` attrici tippretendi li tithallas l-ammont ta' mija u tlieta u ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u tmenin (GBP 123, 688) hekk kif jirrizulta li kien dovut minn Bakels Malta Ltd.  Illi s-socjeta` attrici ghamlet il-provi taghha a sodisfazzjoni tal-Qorti filwaqt li min-naha tas-socjeta` Bakels Malta Ltd, dak li gie sostnut mill-atturi ma giex validament oppost.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Is-socjeta` konvenuta eccipiet l-intempestivita` ta' l-azzjoni attrici billi l-ammont talvolta dovut kien ghad irid jigi finalment determinat wara li jigu finalizzati l-kontijiet permezz ta' l-awdituri tal-kumpanija. Izda fil-fatt irrizulta l-oppost kif imsemmi hawn fuq.  Ghalhekk tichad din l-ewwel eccezzjoni.

Sekondarjament gie eccipit li l-ammont eventwalment dovut kien intiz li jithallas wara li s-socjeta` konvenuta tigbor l-istess minghand id-debituri taghha.  Fl-affidavit

tad-diretturi tas-socjeta’ attrici dan gie kategorikament michud u sostnew l-oppost. Ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Finalment gie eccepiet li ghalhekk l-ammont mitlub ma kienx dovut jew ma kienx dovut kollu jew ghad ma kienx dovut fid-data in kwistjoni. Irrizulta mill-provi z-zmien tal-180 u 90 gurnata li kien hemm zmien biex isir il-hlas. Ghalhekk tichad ukoll din l-eccezzjoni.

Illi ghalhekk jidher li t-talba tas-socjeta` attrici hija gustifikata, u ma hemm ebda lok ghaliex ma tigix milqugha, u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ekwivalenti ghal mija u tlieta ghoxrin elf, sitt mija u tmienja u tmenin Lira sterlina (GBP 123, 688.00).

Spejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------